



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

8.3.2010

B7-0176/2010

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar Kuba – il-każ ta' Orlando Zapata Tamayo

Charles Tannock, Edvard Kožušník, Jacek Olgierd Kurski, Ryszard Antoni Legutko, Tomasz Piotr Poręba, Adam Bielan, Ryszard Czarnecki
f'isem il-Grupp ECR

RE\808060MT.doc

PE439.692v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Kuba – il-każ ta' Orlando Zapata Tamayo

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni f'Kuba, b'mod partikulari dawk tas-17 ta' Novembru 2004¹, tat-2 ta' Frar 2006² u tal-21 ta' Ġunju 2007³,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-Rapporti Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja għall-2004, l-2005, l-2006, l-2007 u l-2008 u l-politika tal-UE dwar din il-kwistjoni,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2006 dwar is-segwitu tal-Premju Sakharov⁴,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar id-Damas de Blanco u d-dikjarazzjonijiet preċedenti tiegħu tas-26 ta' Marzu 2003 u tal-5 ta' Ġunju 2003 dwar is-sitwazzjoni f'Kuba,
 - wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 96/697/CFSP dwar Kuba⁵, li ġiet adottata fit-2 ta' Diċembru 1996 u li ġiet aġġornata perjodikament,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tat-18 ta' Ġunju 2007 dwar Kuba,
 - wara li kkunsidra l-istqarrija tal-kelliem għar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar il-mewt f'Kuba ta' Orlando Zapata Tamayo fil-25 ta' Frar 2010,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-difiża tal-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, tibqa' wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea,
- B. billi għexieren ta' ġurnalisti indipendenti, dissidenti paċifiċi u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, li huma membri tal-oppożizzjoni demokratika, għadhom qed jinżammu l-ħabs f'Kuba u xi wħud minnhom huma morda serjament,
- C. billi l-Parlament ta l-Premju Sakharov 2005 għal-Libertà tal-Ħsieb lill-grupp Kuban Damas de Blanco; billi r-rifjut tal-awtoritajiet Kubani li jippermettu lid-Damas de Blanco li jivvjaġġaw lejn is-sede tal-Parlament biex jirċievu l-premju jikser wieħed mid-drittijiet bażiċi tal-bniedem, jiġifieri d-dritt li wieħed jitlaq minn pajjiżu u jirritorna liberament, kif

¹ ĠU C 201 E, 18.8.2005, p. 83.

² ĠU C 288 E, 25.11.2006, p. 81.

³ Testi adottati ta' dakinhar, P6_TA(2007)0288.

⁴ Testi adottati ta' dakinhar, P6_TA(2006)0601.

⁵ ĠU L 322, 12.12.1996, p. 1.

imħaddan fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

- D. billi Kuba jeħtieġ tnedi proċess ta' tranżizzjoni politika lejn demokrazija b'diversi partiti, b'parteċipazzjoni u teħid ta' deċizzjoni miftuħ għall-Kubani kollha permezz ta' djalogu miftuħ u li ma jeskludi l-ħadd,
- E. billi l-mewt ta' Orlando Zapata Tamayo timmarka l-ewwel darba f'40 sena li attivist Kuban miet b'kaġun ta' strajk tal-ġuħ li wettaq bi protesta kontra l-abbużi tal-gvern u tar-reġim politiku f'Kuba,
- F. billi l-mewt ta' Orlando Zapata Tamayo qajmet protesti kbar fil-livell internazzjonali kontra l-awtoritajiet Kubani,
- G. billi f'Kuba għadhom qed jiġu miżmuma madwar 200 prigionier politiku,
 - 1. Jikkundanna bis-sħiħ il-mewt tal-prigionier politiku Orlando Zapata Tamayo, li miet 85 jum wara li beda jirrifjuta l-ikel bi protesta kontra l-kundizzjonijiet fil-ħabs;
 - 2. Jiddispijaċih min-nuqqas ta' sinjali sinifikanti min-naħa tal-awtoritajiet Kubani bħala reazzjoni għas-sejħa tal-UE għar-rispett sħiħ għal-libertajiet fundamentali, speċjalment il-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni politika;
 - 3. Jiddeplora l-fatt li l-Gvern Kuban ma laqax it-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill għall-ħelsien immedjat tal-prigionieri politiċi u tal-prigionieri tal-kuxjenza kollha, u jinsisti li l-fatt li dissidenti Kubani ntbagħtu l-ħabs minħabba l-ideali u l-attività politika paċifika tagħhom imur kontra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;
 - 4. Ihegġegħ lill-Gvern Kuban biex jeħles, immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet, il-prigionieri politiċi kollha u li ma jagħmilx arresti arbitrari fil-futur;
 - 5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu jinsistu fuq il-ħelsien tad-dissidenti politiċi f'Kuba u biex joħroġu bi proposti konkreti biex jissalvagwardjaw ix-xogħol tal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem;
 - 6. Jistieden lill-awtoritajiet Kubani biex isarrfu f'realtà l-impenn għad-drittijiet tal-bniedem li daħlet fih permezz tal-iffirmar tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;
 - 7. Jistieden lill-Gvern Kuban biex jieqaf jimpedixxi l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-bniedem u li jneħħi l-barrieri kollha għal-libertà tal-moviment, l-espressjoni, l-informazzjoni u l-assoċjazzjoni u l-involviment f'partiti politiċi;
 - 8. Ihegġegħ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jesprimu appoġġ bla kundizzjonijiet għall-bidu ta' proċess paċifiku ta' tranżizzjoni politika lejn reġim politiku demokratiku f'Kuba;
 - 9. Jistieden lir-Rappreżentant għoli biex jibdedw djalogu strutturali mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u dak li jappoġġjaw it-trasformazzjoni politika f'Kuba, skont il-konklużjonijiet approvati suċċessivament mill-Kunsill u bl-użu tal-mekkaniżmi tal-UE għall-koperazzjoni u l-iżvilupp;
 - 10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill , lill-

Kummissjoni, lill-Assemblea EUROLAT u lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tal-Poter Popolari ta' Kuba.